# IL-MADONNA TA’ DAWK FIL-BZONN

Ghaliex isejhulha l-Madonna ta’ dawk fil-bzonn?

Ix-xbiha marjana waslet fuq l-gholja Serra Secca, dejjem skont



it-tradizzjoni- fis-sena 608 wara Kristu. U waslet wara vjagg twil, minn Sivilja, li kienet assedjata mill-mislem.

Hemm kien hemm negozjant minn Abbruzzo ghal xi negozju, certu Fausto Sivigliano.

Dan ma ghamilx hafna flus minn negozju tieghu u ghalhekk dahal fil-knisja biex jitlob lill-Madonna meqjuma f’dak il-post qaddis. Il-Madonna waqqfet mieghu, mhux darba izda darbtejn.

L-ewwel darba meta huwa mar jitlob self minghand lhudi spanol sinjur u t-tieni darba meta waqt li kien fuq il-vapur fi vjagg biex jirritorna lura lejn pajjizu, ibnu Procopio waqa’ il-bahar waqt tempest qalila. Fausto talab lill- Madonna li kien devot taghha fi Spanja biex ibnu jsalva mill-gharqa. Il-Vergni mbierka deheritlu u accertathu li ibnu ma jarax l-gharqa. Imma talbitu biex jirritorna lejn Sivilja u jgorr mieghu x-xbiha biex din

tinheles mir-rabja u l-qerda tal-mislem. Il-lhudi li issa kien ikkonverta tah daqqa t'id.

U meta nizlu l-art gewwa Abruzzo, tghid it-tradizzjoni, deher baghal li garr l-istatwa ghal kilometri u kilometri sakemm  sfinit waqaf fuq l-gholja li thares lejn Carsoli. Hemmhekk deher Procopio u hemmhekk il-pelleggrini waqqfu knisja zghira, mghejjuna mill-abitanti ta' Pereto u Rocca di Botte.



IS-SANTWARJU MINN GEWWA

Izda l-mirakli ma ntemmux hawn. Il-Papa Bonifacju IV kien marid hafna u meta sar jaf bil-qawwa tawmarturga tal-Vergni Marija li x-xbiha taghha giet salvat minn Sivilja, talabha ghall-fejqan. U fieq bla dewmin u minnufih. Bhala gratitudni u fidi,

zar il-knisja u offra fondi biex titkabbar. Kien il-jum tal-11 ta' Gunju tas-sena 610 meta bil-kurcifiss moghti mill-Papa, beda' r-rit ta' processjonijiet li sal-lum ghadhom isiru matul l-Gimgha Mqaddsa u l-15 ta' Awwissu.

Dan is-santwarju gie iddikjarat monument nazzjonali fis-sena 1902.




PARTI MIS-SANTWARJU IMZEJNA BL-AFFRESKI.

Is-santwarju huwa mzejjen bl-affreski mill-artisti Jacopo di Arsoli, Desiderio da Subiaco u Petrus. Dawn hallew ix-xoghlijiet taghhom f'pitturi li jirrapresentaw il-Krucifissjoni, id-Difna ta' Gesu', il-Pentekoste, u l-Qawmien mill-Imwiet fost il-hafna

pittura li jsebbhu s-santwarju. Ma tonqosx il-pittura tal-wasla ta’ Fuasto  Sivigliano u l-laqgha tieghu ma’ ibnu Procopio.



ID-DIVERSI AFFRESKI FIS-SANTWARJU

Fis-santwarju San Pietru l-Eremita ghaddha xi zmien jghix qabel telaq fuq vjagg ta’ Evangelizzazzjoni fid-diversi lokalitajiet ta’ Piana del Cavaliere.

**INTI LI FTAHT DIN IL-PAGNA BIEX TAQRA FUQ IL-MADONNA TA’ DAWK FIL-BZONN, DUR LEJHA U ITLOBHA BIEX TITLOB GHALINA**

**MIDIMBIN, ISSA U FIS-SIEGHA TAL-MEWT TAGHNA U BIEX TILQAGHNA BIL-BIEB TAL-GENNA META AHNA NHALLU DIN IL-HAJJA HAWN FUQ L-ART.**

